**IL-KUXJENZA TAL-KATTOLIKU**

**Kaz morali**

**Il-kuxjenza hija libera u hadd m'ghandu dritt itellifni li nagixxi skont dak li nemmen jien.**

Guzeppi kien go hanut tax-xorb u kienu qeghdin jitkelmu fuq il-kwistjoni tad-divorzju. Toni kien qed isostni li fi kwistjonijiet li jmissu l-kuxjenza wiehed l-ewwel ghandu d-dmir li jifformaha biex jieuhu decizjoni tajba. Anglu qallu li had ma jista' jaghtik parir u lanqas l-isqfijiet ghax huma bnedmin bhall-ohrajn u li dawn ihobbu jgibu argomenti mill-Kotba Mqaddsa, kotba li nkitbu tant snin ilu. Fredu wiegeb li jekk il-poplu jridu dak li jghodd, dak hu gust, il-maggoranza tiddeciedi. Guzeppi wara li semghahom wegibhom li Toni kellu ragun meta qal li wiehed ghandu jifforma l-kuxjenza tieghu u li jekk hu nisrani kattoliku jrid jimxi skont it-twemmin tal-Knisja Kattolika. Sostna wkoll li l-Kotba Mqaddsa huma l-Kelma t'Alla u li din tibqa hajja anke jekk miktuba tant snin ilu, u li l-isqfijiet jinterpretaw b'mod genwin it-taghlim li nsibu fil-Kelma t'Alla u japplikawh ghaz-zmenijiet taghna. Fl-ahhar sostna li mhux dejjem il-maggoranza taghzel dak li hu gust u veru imma dak li jaqblilha.

**Sintesi ta' dak li ser nghidu**

Kull decizjoni morali, kull gjudizzju tal-kuxjenza jwettaq, jinkarna l-opzjoni fundamentali kattolika tieghi, jkun jesprimi dak li nemmen u jibni lili bhala bniedem ta' twemmin kattoliku. Jekk din id-decizjoni jew dan il-gjudizzju konkret jmur kontra dak li nemmen, kontra t-twemmin tieghi nkun qed naghmel firda go fija, nemmen mod u nghix mod, inkun qed immur kontra r-raguni umana tieghi mdawla mill-Kelma t'Alla u mit-taghlim tal-Magisteru kattoliku. Fil-gjudizzju morali nsibu wkoll hekk imsejha morali oggettiva, fis-sens li l-ghemil tieghi, dak li ser naghmel jew dak li ghamilt, barra li qed jibni lili bhala persuna jkun qieghed jinkarna xi valur, valur mibni u jinsab fl-esseri tieghi uman, fin-natura umana tieghi. Ahna nemmnu li t-twemmin nisrani jdawwal l-gharfien shih tieghi tan-natura umana u ghalhekk il-gjudizzju morali ghandu jwettaq lili mhux biss b'mod persunali imma ukoll b'oggettiv, qed jibnini bhala bniedem u fil-kaz tieghi ta' kattoliku. Nista' naqsam lili nnifsi? Nista' nemmen mod u nghix mod? F'dawn l-erba' pagni ser

nipprova nuri l-importanza li hadet illum il-kuxjenza, x'nifhmu kuxjenza naturali, li tinsab f'kull bniedem, x'inhi l-kuxjenza nisranija u nohorgu l-valur tal-Kelma t'Alla, ir-rowl tal-Magisteru tal-Knisja li jdawwal b'mod aktar konkret it-taghlim li johrog mill-Kelma rivelata u hekk nifhmu xi tkun kattoliku, kif nistghu l-bnedmin ninbnew bhala bnedmin u nsiru persuni fil-veru sens tal-kelma u kif il-bnedmin kollha ta' liema twemmin huma u anke dawk ta bla twemmin nistghu noqghodu flimkien u nsibu soluzzjoni gusta mibnija fuq il-gid shih tal-bniedem, soluzzjoni ghall-gid komuni, liema gid hu mibni fuq il-persuna umana. Il-kuxjenza hija dik it-tendenza fina li timbuttana biex  nwettqghu t-tajjeb u naharbu l-hazin, liema tajjeb u liema hazin hu dak li jibni jew ifarrak il-gid shih tal-persuna.l Il-kuxjenza titlob t-taghlim, ix-xewqa, it-tendenza li naghmel it-tajjeb u nahrab il-hazin titlob l-gharfien u dan jigi mis-smiegh ta-raguni umana, tal-Kelma t'Alla u tal-Magisteru tal-Knisja. Din hija l-missjoni tal-Knisja, l-omm li tghallem  lill-uliedha, li tghaddi l-gherf li wirtet mill-Kelma t'Alla tapplikah ghaz-zmenijiet taghna. Jekk int sfiducjat mill-Knisja u mit-taghlim taghha xorta ghandek l-obbligu li tifhem x'tghidlek il-kuxjenza tieghek imdawla mir-ragunar uman  li jrid il-gid shih tal-bniedem, gid li  li mhux isolvi xi problema tieghi persunali imma l-gid shih tal-bnedmin kollha.

**Kelma ta' introduzzjoni**

Illum nisimgħu ħafna dawn l-espressjonijiet: "Ifforma l-kuxjenza", "Jien ruħ waħda għandi, u għalhekk nimxi duq dak li tgħidli l-kuxjenza," "dak bniedem bla kuxjenza", eċċ.! Hu fatt li fil-ħajja mgħaġġla li qedgħin ngħixu, il-kuxjenza ħadet ħafna. Dan forsi ġej mill-importanza li aħna tajna lill-persuna tal-bniedem, jew forsi minħabba importanza l-fatt li fid-dinja sar ħafna tibdil u miegħu ġabilna ħafna problemi li tagħhom mhux dejjem għandna soluzzjonijiet lesti. Huma x'inhuma l-kawżi fl-istudju tat-teoloġija morali, it-tagħlim tal-kuxjenza nisranija ħa importanza enormi. Nafu li bħala nsara, aħna naġixxu ta' nsara, imma kemm hija verament 'nisranija' l-imġieba morali tagħna? Kif ser niddistingwu ruħna, fl-imġieba tagħna morali nisranija, mill-imġieba morali ta' bnedmin oħra ta' rieda tajba iżda li ma jħaddnux it-twemmin nisrani? Nistgħu aħna nidħlu fi djalogu ma' dawn in-nies ħalli nsolvu l-problemi soċjali li lkoll għandna bħala bnedmin? U fuq kollox, kemm hija 'umana' l-kuxjenza tagħna l-insara? Għax għalkemm aħna nsara, ma jfissirx li ma għadniex bnedmin. Dawn huma ftit mid-diffikultajiet li fuqhom dan l-artiklu se jitfa' ftit dawl.

**Il-kuxjenza bħala ġudizzju**

B'kuxjenza nifhmu dak l-att li bih il-persuna umana tgħaddi ġudizzju fuq il-morlaita` ta' xi azzjoni jew oħra. Nistgħu nsejħulha wkoll dak l-att li bih napplikaw il-prinċipji morali għal xi sitwazzjoni konkreta. Ta' spiss konna nħarsu lejn l-att tal-kuxjenza bħala speċi ta' argument fejn dak li hu ġenerali u astratt jiġi applikat għas-sitwazzjoni konkreta. Nistgħu nġibu l-eżempju tas-suwiċidju: "Il-qtil hu dejjem ħażin, is-suwiċidju hu każ ta' qtil, mela dan l-att hu ħażin." Iżda aħna, mingħajr ma niċħdu li permezz tal-kuxjenza dak li hu universali jista` jiġi applikat għall-konkret, irridu nsostnu, f'dan l-artiklu, li fil-kuxjenza jiġri proprju l-kuntrarju. Irridu nsostnu li f'kull deċizzjoni konkreta u singola, il-bniedem jipprova jiddetermina u jirrealizza lilu nnfisu; b'hekk jidher ċar li l-konkret għandu jkun turija ta' l-orjentament tal-persuna. F'każ ta' raġel miżżewweġ li jiffrekwenta mara oħra, l-att singolu hu turija ta' l-orjentament li ħa fiż-żwieġ, li għalih m'għadux aktar esklussiv għal mara waħda. Hu ta' min jinnota wkoll li meta konna naraw il-kuxjenza b'dan il-mod, il-liberta` kienet tidher biss fl-applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali għas-sitwazzjoni konkreta, filwaqt li aħna, b'liberta` nifhmu dik il-kapaċita` li biha l-persuna umana tista` tagħti forma u sura lilha nfisha, lid-destin u lil ħajjitha, kif trid hi.

**Il-kuxjenza naturali**

Imma x'nifhmu meta ngħidu li n-nisrani għandu jġib ruħu ta' nisrani, jekk mhux li għandu jimxi skont ma tgħidlu l-kuxjenza nisranija? Iżda qabel ma ngħidu x'nifhmu b'kuxjenza nisranija aħjar niċċaraw aktar dak li nifhmu b'kuxjenza fuq livell uman biss, kuxxjenza mneżżgħa minn kull element nisrani. Jekk nistgħu nagħmlu astrazzjoni u nitkellmu fuq il-bniedem ideali, hekk ukoll nistgħu, bl-istess proċess, nitkellmu fuq il-kuxjenza hekk imsejħa mit-teologi "naturali"—dik ix-xi ħaġa li ġġħalna nfittxu s-sewwa u li nwettqu t-tajjeb u naħarbu l-ħażin. Kull bniedem jipprova jagħraf dak li hu sewwa u jipprova jwettaq it-tajjeb. Hu propju għax din il-kuxjenza 'naturali' hija f'kull bniedem li aħna l-insara nistgħu noqogħdu madwar mejda ħalli niddiskutu u ngħinu fis-soluzzjonijiet tal-problemi umani li qegħdin jheddu lis-soċjeta` ma' nies li ma jħaddnux it-tagħlim nisrani. B'hekk nifhmu li fil-kuxjenza nisranija, li tħaddan dik 'naturali', u t-twemmin nisrani, il-persuna umana tkun għamlet għażla hekk fundamentali (fundamental option) li ser

tikkondizzjona kull deċiżżjoni li ser issir wara, anzi nistgħu ngħidu li kull deċiżżjoni ser tkun magħmula fis-sawl ta' din ta' l-ewwel.

**Il-kuxjenza nisranija**

Imma x'inhu dan it-twemmin nisrani, u kif ser jinfluwneza l-imġieba morali tan-nisrani? In-nisrani hu bniedem li jinsab fi djalogu m'Alla, il-Missier ta' Sidna Ġesu` Kristu, u b'morali nisranija nifhmu s-sejħa li jagħmel Alla permezz ta' Ġesu`Kristu u t-tweġiba li jrid jagħmel il-bniedem, bil-liberta` kollha u bl-akbar sens ta' responsabilita`. Waqt li l-biċċa l-kbira tal-morali mhux reliġjuża tagħfas fuq id-dinjita` u l-perfezzjoni tal-persuna umana biss, dik nisranija għandha l-karatteristika speċjali tagħha fid-djalogu ta' mħabba li jeżisti bejn Alla u l-bnidem, djalogu li Santu Wistin jiddeskrivi bil-frażi 'Deus et Anima'. Jekk xi wieħed minn dawn il-persuni jonqos, id-djalogu jispiċċa u jsir monolgu. Hu djalogu ta' mħabba għax jidher mill-interess li Alla ħa fil-bniedem: "U hawn qiegħda l-imħabba: mhux għax aħna ħabbejna 'l Alla, imma għax ħabbna Hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna" (Ġw. 4,10). Hekk kif Alla ħa dan id-djalog bis-serjeta`, li kien kapaċi jissagrifika lil Ibnu għalina, hekk ukoll il-bniedem hu fid-dmir li jwieġeb bl-akbar serjeta` u responsabilita` għas-sejħa li kontinwament jagħmillu Alla. Ladarba dan id-djalogu bejn Alla u l-bniedem ikkokretizza ruħu fi Kristu, dan ta' l-aħħar (Kristu) sar għan-nisrani, in-norma konkreta u l-aqwa mudell. Fl-eżempju ta' Kristu, in-nisrani jimtela bil-fiduċja li għalkemm l-ideal morali nisrani—li tħobb mingħajr limiti lil kullħadd—hu irrealizzabli, dan l-istess ideal ġie mwettaq minn Kristu.

Fi Kristu n-nisrani jifhem x'inhu u x'għandu jagħmel ħalli jwettaq l-għan veru ta' ħajtu. Hu fi Kristu li l-personaliżmu nisrani juri li għalkemm il-bniedem hu kbir għax hu awtonomu u liberu, iżda din l-awtonomija u din il-liberta` huma limitati, ladarba l-bniedem jinsab fi djalogu ma' Alla. Ma ngħidux bħalma qal *Jean Paul Sartre*, li jekk Alla jeżisti, il-bniedem mhux liberu, u li jekk il-bniedem hu liberu, Alla ma jistax jeżisti. Aħna bil-qawwa kollha ngħidu l-kuntrarju. Il-bniedem hu kbir għax maħluq fuq ix-xbieha t'Alla—kapaċi joħloq u jagħti sura lilu nnifsu hu stess—u għax kapaċi u mitlub jidħol fi djalogu ta' mħabba, djalogu bejn Missier u Iben. Kien proprju Kristu, li b'mewtu ġedded il-bniedem il-qadim, u minn bniedem egoist biddlu f'wieħed li jaħseb fl-oħrajn. Kien

Kristu li ta lill-bniedem il-vera liberta` meta ħelsu mill-agħar jasar—li tkun ilsir tiegħek innifsek.

Kull darba li n-nisrani jagħmel xi ġudizzju morali, dan it-tagħlim nisrani li jħaddan ikun bħala sfond, 'background'. Infatti, fl-imġieba tiegħu morali, in-nisrani jipprova jwettaq b'mod l-aktar konkret l-għażla fundamentali li għamel, jiġifieri li jidħol fi djalogu ma' Alla. NixtieqU nagħfsu aktar fuq dan il-punt ħalli nuru kemm jiddependu minn xulxin, l-għażla fundamentali u kull għażla konkreta. Ir-rabta bejn dak kollu li jikkaratterizza lin-nisrani għandu jinstab ukoll fl-imġieba morali tiegħu. Barra minn dan nosservaw li f'kull għażla u deċiżżjoni hemm rabta sħiħa bejn l-att jew l-għemil estern u l-intenzjoni, u li din ta' l-aħħar li tagħti sens u sinjifikat lil ta' l-ewwel. Hemm differenza bejn nagħti 50 ċenteżmu lil tifel fqir biex nidher li jien superjuri għalih jew bħala att ta' ġenerożita` ma' min ma għandu xejn. U hekk, kif l-intenzjoni tagħti t-tifsira vera tal-għemil estern, hekk ukol l-intenzjonijiet tan-nisrani jagħtu t-tifsira nisranija ta' kull għażla partikulari li jagħmel. B'hekk jidher ċar li f'kull għażla konkreta n-nisrani jagħmel aktar milli turi l-istess għażla, għax huwa ma jfittixx biss li jagħżel dan jew dak il-valur, it-tajjeb partikulari, imma permezz tagħhom l-għażla tiegħu nnifsu bħala persuna li tinsab fi djalogu kontinwu m'Alla. Ħajjet il-bniedem mela, titwettaq f'sensiela ta' mumenti deċisivi permezz ta' deċizzjonijiet partikulari. U minħabba l-fatt li huwa l-awtur tad-deċiżżjonijiet li jieħu, il-bniedem juri kif b'mod l-aktar attiv qiegħed jibni lil ħajtu billi jagħtiha dik il-forma li bil-liberta` kollha għażel. Hu propju f'din il-binja tiegħu nnifsu, f'din is-sura li qiegħed jagħti lilu nnifsu li tidher id-dinamiċita` tiegħu, dinamiċita` li turi ruħha fil-pluraliżmu ta' deċizzjonijiet. Imma dak li għandu jagħmel il-bniedem għandu jkun marbut ma' dak li hu ħaġa waħda man-natura tiegħu ta'bniedem—"Agere sequitur esse". B'hekk jidher ċar li għalkemm id-deċizzjonijiet huma ħafna u diversi, huma ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala mifrudin minn xulxin imma magħqudin flimkien għax qegħdin jibnu ftit ftit il-persuna. Hekk, kif il-liberta` titlob ir-responsabilita`, hekk ukoll jull attivita` oħra fil-bniedem titlob l-għaqda u żvilupp kontinwu. Il-bniedem mela, hu ċentru ta' attivita` u ta unita`.

**Il-kuxjenza kattolika**

Bhalma sostnew il-padri tal-Koncilju: “meta jifformaw il-kuxjenza taghhom l-fidili ghandhom jaghtu attenzjoni serja lit-taghlim cert u qaddis tal-Knisja, ghax il-Knisja Kattolika bir-rieda ta’ Kristu hija li mghallma tal-verita” (DH 14) Il-Koncilju jafferma dwar il-kuxjenza “ hi ligi l-bniedem ghandu f’qalbu minquxa minn Alla , ….hija c-centru l-aktar intimu u l-aktar sigriet tal-bniedem, is-santwarju fejn il-bniedem hu wahdu ma’ Alla u fejn Alla jsemmaghlu lehnu” (GS 16). “ L-edukazzjoni tal-kuxjenza hija garanzija tal-liberta’ u ggib il-paci fil-qalb” (KTK 1784).

**Il-kuxjenza u l-liberta`**

Huwa permezz tal-kuxjenza li l-bniedem jista` jiddisponi minnu nnifsu, u f’din id-dispożizzjoni jista` juri kemm hu responsabli. Nistgħu ngħidu li l-kuxjenza fiha nfisha tidentifika ruħha mal-liberta`. Il-vera esperjenza tal-liberta` turi ruħha meta d-deċiżjoni li se nagħmel titlob l-akbar responsailita`, għax jien u l-futur tiegħi ser jiddependu minn din l-għażla li se nagħmel. B’hekk jidher ċar li l-liberta` titlob ċerta intelliġenza biex l-azzjonijiet u l-għażliet meħuda jkunu denji ta’ persuna mogħnija bl-intelliġenza. Il-bniedem hu kapaċi jidħol fih innifsu, jifhem lilu nnifsu u jsir jaf lilu nnifsu. Meta imbagħad permezz ta’ din l-analiżi tiegħu nnifsu, jsir jaf x’inhu, malajr jinduna x’irid jew x’għandu jagħmel. Minn naħa l-oħra, hu kapaċi jiddisponi minnu nnifsu u għax kapaċi wkoll jerfa` din ir-responsabilita`, li joħorġu l-azzjonijiet singoli u li dawn għandhom sens. Infatti, ukoll jekk f’kull azzjoni, f’kull għażla nkunu qegħdin nirrealizzaw xi valur, dak li nkunu qegħdin nagħmlu ma jkunx l-għażla ta’ dan jew dak il-valur, iżda permezz tiegħu, l-għażla tagħna nfusna.

Jidher ċar li l-kuxjenza bħala att tiddependi u taħdem, biex tirrealizza l-persuna. L-azzjonijiet singoli huma għażliet tal-persuna li qiegħda twettaq lilha nfisha. Għalhekk dawn l-azzjonijet m’humiex għażliet indipendenti jew mifruda, iżda jridu jitqiesu bil-bini u fit-twettiq totali tal-persuna. Il-kuxjenza tiġġudika u tiddeċidi x’ser isir mill-persuna b’dan l-att singolu, b’din ir-realizazzjoni partikulari u parzjali. L-atti singoli joħorġu mill-kuxjenza li trid tesprimi l-orjentament li l-persuna għandha tiegħu biex tafferma lilha nfisha.

Kull att tal-kuxjenza qiegħed ibiddel lill-persuna u jagħmilha persuna morali, u l-kobor tal-kuxjenza joħroġ mill-fatt li l-bniedem għandu d-destin tiegħu f'idejh jiġifieri kapaċi bil-liberta` li huwa jħaddan, li jiddisponi minnu nnifsu u meta jwettaq dawn id-deċizzjonijiet hu kapaċi jerfa` r-responsabilita` tagħhom.

## Il-kuxjenza u l-persuna

Ilkoll nafu li l-bniedem hu persuna mogħnija b'intelliġenza u bil-liberta`. Għalhekk, id-dinjita` tiegħu ma tinsabx biss meta huwa jagħmel użu minn dawn iż-żewġ fakultajiet spiritwali—meta jwettaq atti persunali, atti magħmula bl-intelliġenza u bil-libertà—u l-anqas ma tispiċċa meta dawn l-atti jonqsu, iżda din tinsab fil-fatt li l-bniedem hu verament mogħni b'dawn iż-żewġ fakultajiet. Id-dinjita` tal-bniedem, għalhekk tinsab fih innifsu u hija tant għolja din id-dinjita` li l-bniedem ma għandux ikollu għan ieħor ħlief dak li jwettaq atti denji ta' din id-dinjita`, atti magħmula b'mod intelliġenti u bil-liberta`. Hu f'dan is-sens li l-bniedem hu awtonomu, għax b'hekk għandu l-għan tiegħu nnifsu fih innifsu u kull għan ieħor ikun barrani għall-bniedem. Dan m'huwiex soġġettivament iżda huwa personaliżmu li ser iwassalna għall-oġġettivita`, għax jekk iwettaq atti skont id-dinjità tiegħu—li hija maħluqa fuq ix-xbieha t'Alla—ikun qed iwettaq ir-rieda t'Alla. Il-bniedem fl-għemil tiegħu  jwettaq valuri li sabhom u mhux li ħalaqhom hu, u għalhekk jidher ċar li l-awtonomija tiegħu mhix assoluta, iżda limitata. Hu proprju hawnhekk li jidħol is-sens ta' dmir, kif ukoll ix-xebh tal-kuxjenza mal-vuċi t'Alla. Meta jiena nagħżel dan il-valur u mhux dak il-valur, bħal meta nsib ruħi f'kunflitt ta' żewġ valuri. Jiena għandi nagħżel dak li hu mitlub mis-sitwazzjoni; f'konflitt bejn il-liberta` u l-imħabba—il-każ ta' San Pawl—inkun ser nagħmel tiegħi valur b'mod l-aktar personali, iżda fil-fatt li sibtu diġa` hemm juri li hemm xi ħadd barra minni li s-Sinjur ta' kollox. Id-dmir mela, m'hu xejn ħlief dak li għandi nagħmel, dak il-valur li għandi nagħżel f'dik is-sitwazzjoni partikulari.

Hu permezz tal-kuxjenxa li l-bniedem jgħaddi minn sempliċi persuna għall-perfezzjoni u għall-maturita` morali. Hu minħabba dawn l-atti tal-kuxjenza li l-bniedem jilħaq il-quċċata tal-kobor tiegħu. Il-liberta` hi valur li m'għandux paragun, għax mingħajrha, il-bniedem jispiċċa minn bniedem, iżda b'liberta` għandna nifhmu biss dik il-fakulta`, dik il-kapaċita` li biha l-bniedem jista' jirrealizza lilu nnifsu. Il-liberta` mhix il-moralita` iżda l-

*'conditio sine qua non'* tal-moralita` tal-persuna umana. Hija permezz tal-liberta` li kull għażla partikulari, ta' kull valur partikulari li jien ser nagħżel, ser twassalni lejn dak il-valur l-aktar importanti—il-bini u t-twettiq tiegħi nnifsi. Hu permezz ta' dawn d-deċiżżjonijiet morali li l-bniedem qed jirrealizza lilu nnifsu u b'hekk qed igħaddi mill-potenza għall-att, mill-kobor ta'persuna għal dik ta' personalita`.

**<u>Għeluq</u>**

Issa, jekk nerġgħu mmorru lura għall-kuxjenza nisranija irridu insostnu li r-Rivelazzjoni Divina, kif nifhmuha aħna, kemm bħala fidi kif ukoll bħala grazzja, hija element essenzjali tar-realta` tan-nisrani u tal-kuxjenza tiegħu. Ir-rivelazzjoni Divina toħloq kemm ħlejqa ġdida kif ukoll kuxjenza ġdida. U din ir-rivelazzjoni titlob mill-bniedem dak l-att ta' fidi, dik l-għażla hekk imsejħa fundamentali, deċiżżjoni libera u radikali, li biha n-nisrani ser jara l'Kristu bħala n-norma oġġettiva ta' kull imġieba tiegħu morali. B'din id-deċizzjoni fundamentali u radikali sirna ħlejqa ġdida fi Kristu, iżda issa rridu u nissoktaw ninbnew aħna stess, ftit ftit, bl-għemejjel partikulari morali tagħna. Hija din id-deċiżżjoni li hija l-fundament tal-persuna tan-nisrani, għax permezz tagħha n-nisrani aċċetta 'l Alla bħala dak li qed jibdlu.

Hu minn din id-deċiżżjoni fundamentali li ser joħorġu d-deċiżżjonijiet l-oħra kollha. In-nisrani jrid jagħti prova tiegħu nnifsu billi fid-deċiżżjonijet li ser jagħmel huwa jkun qiegħed jipprova jwettaq dik l-għażla fundamentali. Ir-realizazzjoni tad-djalogu bejn Alla u n-nisrani hija aktar profonda u sabiħa mis-sempliċi atti singoli. Ta' dan li għandna nagħtu l-aktar każ meta nkunu ser ngħaddu xi ġudizzju fuq l-imġieba morali tan-nisrani. Il-moralita` tan-nisrani tinsab prinċipalment fil-fatt li permezz ta' atti singoli, ta' deċizzjonijiet partikulari, il-persuna tkun qiegħda titwettaq quddiem l-assolut, quddiem Alla, Missier ta' Sidna Ġesu` Kristu. Imma din ir-realizazzjoni tan-nisrani mhix possibli jekk mhux permezz ta' dawn l-atti singoli, għaliex il-persuna tinbena ftit ftit.

**Bibljografija**


CAFARRA CARLO, PIANA GIANNINI, *Principii di morale religiosa*, Bologna, 1972.

CURRAN CHARLES, *Christian Morality Today*, Notre Dame, 1970.

DEMMER KLAUS, *Decisio Irrevocabilis? Animadversiones ad problema decisionis vitae, in: Periodica de re morali, canonica, liturga*, vol.63 (1974) pp. 231-242

FUCHS JOSEF, *Esiste una morale Cristiana? Questioni critiche in un tempo di secolarizazzione* Roma Brescia, 1970

MOLINARO ANICETO, decisione, in: *Dizionario enciclopedico di teologia morale* (Roma 1973) Riflessioni teologiche sulla conscienza in: *AA.VV. LA Coscienza crsitiana* (Bologna 1971)

Etica Cristiana, *Problemi generlai e confronti attuali* (Roma, 1974/1975).

MONGILLO DALMAZIO, per una riflessione teologica sulla conscienza, in : *LA rivista del clero Italiano,* anno LIII (Dic 1972) pp.834-838